# IS-SINODU

Dan is-Sinodu beda fl-4 t'Ottubru u se jispiċċa dalwaqt, fid-29 t'Ottubru. Imbagħad ikompli fl-2024. Il-parteċipanti huma isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi.
Is-Segretarju Ġenerali tas-Sinodu huwa l-Kardinal Mario Grech.



Id-deċiżjonijiet pastorali se jittieħdu fit-tieni fażi tas-Sinodu li se ssir is-sena d-dieħla f'Ottubru 2024. Il-Papa jisħaq li f'dan l-ewwel mument nisimgħu lil xulxin.
Ħafna qegħdin iqisu dan is-Sinodu bħala li hu importanti ħafna għax se jagħġen it-tifsila tal-ħajja tal-Knisja tal-futur. Hemm min saħansitra qal li hu importanti daqs konċilju.

**X'hemm in kwistjoni?**
Hemm min qed jibża' li das-Sinodu se jġib taqliba kbira kontra t-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja, bħall-*blessing of gay marriage,* ordinazzjoni tan-nisa, nisa jmexxu l-parroċċi, l-omelija magħmula mil-lajċi fil-quddiesa. L-għan aħħari, ċentrali, tas-Sindou hu dwar kif ninkludu aħjar il-membri tal-Knisja fil-ħajja tagħha. Ma għandniex nibżgħu mid-diskussjonijiet u konflitti. Nemmnu li l-Knisja hija mmexxija mill-bnedmin imma li huma megħjunin mill-Ispirtu Mqaddes.

**Infakkarkom li l-ġbir fil-knisja fil-quddies kollu ta' dan is-Sibt u l-Ħadd se jkun għall-Opri Missjunarji Pontifiċji (Missio). Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.**

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## Avviżi:

**KOMUNITÀ DAR ARKA:** ġew mistiedna jipparteċipaw maż-żgħażagħ fil-quddiesa tal-11:00am tal-Ħadd 22 ta' Ottubru, 2023. Wara l-quddiesa ser ikollhom party fiċ-Ċentru stess. Għaldaqstant jekk hemm xi benefatturi li jixtiequ jgħinu, jistgħu jagħmlu dan billi jkellmu lil Fr Mark. Grazzi.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 27 t'Ottubru fejn tispiċċa Triq Duru fuq tax-xini. Jibda fil-5:30pm. Kulħadd mistieden, l-aktar dawk li jgħixu fl-inħawi.

***3 SEASONS*:** tliet serati għaż-żgħażagħ Għawdxin li jgħixu Malta, organizzati mill-KDZG. Fihom se jiġu ttrattati temi importanti fuq l-għażliet tal-ħajja minn Fr Noel Debono. Ser ikunu għada t-Tnejn 23, it-Tlieta 24 u l-Erbgħa 25 t'Ottubru fiċ-Chaplaincy tal-Università, fit-8:00pm. Wara jkun hemm mument fratern flimkien u xi ikel.

## KORS TAL-KITARRA

Se jkun miftuħ għal studenti minn year 5 'il fuq u mmexxi mid-Djaknu Franklin Micallef u xi helpers oħra. Imlew l-applikazzjoni online fuq https://forms.gle/29pDg3doVzK3ADgD8 jew iġbru waħda mill-NTYC u ġibuha lura sal-Erbgħa 1 ta' Novembru. Mal-applikazzjoni l-ġenituri ta' studenti taħt it-18-il sena, iridu jimlew consent form l-ewwel darba li jibagħtu lil uliedhom għall-kors. Min jixtieq jattendi dan il-kors se jkun mitlub jagħti donazzjoni ta' €15.
L-għan ta' dan il-kors huwa li fil-futur, il-parteċipanti jkunu jistgħu jagħtu sehemhom fil-kant liturġiku ta' waqt il-quddies fil-parroċċa tagħna.
Min ikollu xi mistoqsijiet jista' jkellem lid-Djaknu Franklin jew lil Fr Mark.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am